# IN-NAĦLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGĦA BIEX TGĦALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

68. | 18 ta' DICEMBRU 1909. | IT-TIENI SENA


FTEHIM.

Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-itt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena b'xejn; min ijsieħbu jseħu "Maħbub ta' Ġesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Ġesù" jinbigħu għand il Fotografu VELLA u għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, it-tnejn fi Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.

# L-Esecuttiv.

*Pipì.* (*ħiereġ m'il Cunsill ijparla ma' Totò*) X'discors għamel, balleċ, il Contin Caruana-Gatto contra il-ligi ta' larmi, ħej! Cullħadd ħa gost jisimgħu jitħaddet; u cull ma kal sħiħ u fiħ x'tomgħod.... Chif ma għarafx fejn jati rasu is-Segretarju!... B'il ħakk it-tnejn ta'l Esecuttiv għażluhom ?...

*Totò.* Iva, u dalŭakt incunu nafu min huma. Rajt issa b'għainejc jecc il Cunsilieri hemm fuk humiex ta' gid jeŭ lè? Ma jidhirlecx li il Gvern ŭara li sama daŭc it-taħditiet sbiħ li għamlu il Cunsilieri collha contra l-Ordinanza ta'l armi jrid jaħsibha darbtejn jecc m'hux actar kabel jakta iż-żarda ŭaħdu ? Dac collu li kalu jigi stampat f'id-*Debates* u daŭna jmorru f'idejn il Ministru; u b'hecc ijcun sama *ufficjalment* iż-żeŭġ kniepen. Chiecu il Cunsulieri telku min chien ijżomm ir riedni lil Gvern f'il għamil tiegħu?...

*Pipì.* L-Istampa u il Cunsill Popolari...

*Totò.* Il Ministru ma hu katt sejjer jirriconoxxi l-għamil ta'l Cunsill Popolari u għalhecc jagħmilha ta't-trux, bħal ma ma jatix tant pis għal dac li jgħidu il gazzetti billi daŭna iż-żeŭġ ħŭejjeġ ma humiex mezzi *ufficjali.* Mela ma'l gazzetti li jcomplu jakdu id-dmir tagħhom, għandna f'il Cunsill il *vuci ufficjali* ta'l Cunsilieri u għada jcollna il *vuci ufficjali* ta't-tnejn ta'l Esecuttiv u ŭara jcollna il *corrispondenzi ufficjali*; u daŭna il ħŭejjeġ collha *ufficjali* il Ministru ma jistax ma jatix ŭiden għalihom u għalhecc xi haġa għal gid tinbet sgur jeŭ għallankas ma jħallix lil Gvern ta'haŭn jagħmel li jrid u li jogħġbu biex jaħkarna billi jcun sama u ŭiżen fejn għandna raġun...

*Pipì.* Iżda b'dan collu il Gvern, la għandu il maġġjoranza, jibka jagħmel li jrid... allavolja issa jcun hemm tnejn fl'Esecuttiv...

*Totò.* Iva, ingħid bħalec... iżda chien ijcompli jagħmel li jrid chiecu telku ucoll... mela l-*astensjonismu* jeu id-*dimissjoni* ta'l Cunsilieri ma hix rimedju biex inżommu il Gvern li ma jagħmilx li jrid. Biss b'daŭna ir-rimedji foloż li tixtiek int issib li m'hux talli il Gvern jista jaghmel deni u ħsara chemm ijrid iżda li lil Ministru ħadd ma jcun jista *ufficjalment* jurih dana id-deni u jitolbu li ma jħallieħx ijsir; u dana jidhirli li hu dannu ŭisk acbar minn dac li jista jiġrilna meta il Cunsilieri jcunu hemm fuk. Ma'dana żid li issa għandna tnejn minnhom fl-Esecuttiv u li daŭna billi jcunu jafu cull ma il Gvern jicteb lil Ministru jcunu jistgħu jibagħtulu ir-raġunijiet cuntrarji u dana nahseb jiena li sejjer ijcunilna ta' gid cbir uisk...

*Pipì.* Jidhirlec ?...

*Totò.* Iva, u naħseb li sejjer ijcunilna ta' gid ucoll għaliex jecc, chif nitma, li iż-żeŭġ Cunsilieri ta'l Esecuttiv ijgibu irŭieħħom tajjeb il Ministru jintebaħ li f'Malta għandna nies li jista jitlak f'idejhom it-triegija ta'l pajjis u b'hecc naħseb li it-triek għal maġġjoranza tillixxa iżjed...

*Pipì.* Jecc ma jittradixxuniex imħabba f'daŭc il mishuta tliet mitt lira...

*Totò.* Ma naħsebx; l-eŭŭel nett għaliex illum chif sar ?il Cunsill Esecuttiv cullħadd ijcun jaf jecc daŭc it-tnejn humiex jivvotaŭ ma'l Gvern jeŭ le; u b'hecc m'hux biss ijcollhom il gazzetti ŭarajhom li jicxfulhom għaŭarhom m'il pubblicu li darb'oħra ma jtellagħhomx; iżda jcunu kiegħdin dejjem taħt il fiduċja ta' sħabhom li meta jaraŭhom li ħarġu m'it-triek id-dritta jatuhom *vot ta' sfiduċja* li biex joħorġu ta'irgiel u ma jkanklux il pajjis collu contra tagħhom ijcollhom jitilku. Barra minn dan jien nirraġuna hecc. Ŭieħed m'it-tnejn ijcun sgur is-Sur Cicc Azzopardi la ħu il *Leader.* Issa taħsbu intom li chiecu is-Sur Cicc ried impieg ta' tliet mitt lira f'is-sena jeŭ m'il fondi segrieti biex ma jisfiduċjax il Gvern tagħna bħal ma

għamel fuk l-economiji u ir-riformi, ma chienx jatihomlu b'il kalb collha u jimlieiu ħalku bl-ilma? Is-Sur Cicc ma ħa xejn u baka jħambak u jati dali contra il Gvern. Dana x'ijfisser? Xejn ħlief li hu galantom u ma jinxtarax chif gieb u laħak. Mela jecc ma inxtarax kabel għala għandu jinxtara issa b'it-tliet mitt lira li jieħu b'il barca t'Alla collha ta' xogħlu u ta'ż-żmien li jitlef m'il professjoni bħal ma jieħduhom il Ministri ta'l pajjisi ta'd-dinja collha (u jieħdu ŭisk actar minnhom) u bħal ma jieħodhom sa l-ankas Deputy u sa l-ankas Registratur jeŭ scrivan ta'l Gvern li ħadd ma katt ħolom li jippretendi minnhom li għandhom jaħdmu għal pajjis għal xejn jeŭ għal l-unur biss. Ma dana nibka dejjem ingħidlec li jecc insibu nies galantomi u ta ħila li jridu jaħdmu għal pajjis b'xejn ijcun ħafna aħjar.

*Pipì.* U l-ieħor?...

*Totò.* L-ieħor actarx ijcun is-Sur Salv Cachia Zammit li hu il perla ta'l galantomi u li ilu tant f'il politica u tana tant prova ta'l onestà u ta'l ħila tiegħu li ma naħsibx li haŭn ŭieħed biss f'Malta collha chif iddur li ma japprovax il għażla tiegħu.

*Pipì.* Mela għala is-Sur Dalli u xi oħrajn ijħambku tant contra l-Esecuttiv u jgħidu li dac loc ta't-tradiment.

*Totò.* Għidtlec għala diġa u żommha dejjem f'rasec: BISS GĦALIEX HEMM IL MIBEGĦDA PERSONALI U GĦALIEX JAFU LI DAC IL GĦENEB GĦALIHOM KARES.

*Pipì.* Sejjer ħalli nilħak il-Lanċa għa'x sar il ħin.

*Totò.* Saħħa hej, arrivederci.

## FRAC.

Il Poplu Malti jixtiek jaf:

1. Għala is-Sanità tagħna xi ħames snin ilu chienet b'il fors trid tgħid li id-deni chien ġejj m'il bjar u gegħlet tant nies ijħammlu il bir b'tant spejjes cbar u issa telket il bjar biex tŭaħħal f'il ħalib ta'l mogħoż?

2. Jecc dina il famusa Sanità bi ħsiebhiex ŭara li tekred il mogħoż collha u il cummerċ ta'l ħalib titlak il mogħoż għaliex tara li ħadet granċ biex tŭaħħal f'ħaġ'oħra.

3. Jecc l-Avucat ta'l Curuna b'il ligi il ġdida li tŭebbel biha fuk l-armi intebaħx li l'in-nies ta'r-raba sejjer ijgegħilhom ijħallsu żeŭġ taxxi f'is-sena: ŭaħda fuk il chelb u oħra fuk li-xcubetta biex għal bżonn jiddefendu irŭieħhom billi minn għajr daŭna iż-żeŭġ ħŭejjeġ ma jistgħux ijgħixu u l-actar fl-istraman?

★

Cull min chien hemm f'il Cunsill f'is-seduta li saret f'it-8 ta' dana ix-xahar ħa pjacir meta sama id-discorsi sbiħ u irraġunati li għamlu il Cunsilieri contra l-Ordinanza ta'l armi, u l-actar meta instemgħu iż-żeŭġ discorsi ta't-Tabib Said u dac famus ta'l Contin Caruana-Gatto, li ŭarajh is-Segretarju ma għarafx chif jirrispondi u talab iż-żmien għal tmien t-ijiem oħra.

Irrid nistaksi jiena lil daŭc li jgħidu li billi il Cunsilieri jcunu hemm ma jisŭeŭ għal xejn u li il Gvern jagħmel li jrid u li jogħġbu, jecc hux aħjar li instemgħu f'il Cunsill contra dic l-Ordinanza daŭc id-discorsi jeŭ le. Mela jecc il Cunsilieri ma għandhomx il maġġjoranza, għandhom id-dritt li jiccriticaŭ u jiccumbattu ufficjalment il għamil ta'l Gvern u dana jisŭa dejjem għal xi ħaġa għaliex il Gvern ŭara li jicxfulu il borma jaħsibha darbtejn chif għandu jgib ruħu ma'l poplu; iżda jecc hemm fuk ma jcollu min ijċanfru ħadd jibka għaddejj dritt b'il vot t'al Membri Ufficjali. Araŭ chif il ligi ta's-sensji għaddiha meta ma chienx hemm il Cunsilieri hemm fuk. Min jaf chiecu sama it-tħakkiek tagħhom għaddihiex?

★

Talbuni biex ingħarraf b'il grazzja li kala il Kaddis Gerardu Majella lil ŭaħda mara billi fejjkilha lil bintha minn marda kalila ŭara li talbitu b'il ħrara; u dana jiena nagħmlu b'il kalb collha.

★

Nitolbu għa'r-ruħ ta' **Ester Ebejjer** (mitŭielda Busuttil) li mietet ftit ilu ta' tlieta u tlietin sena biss. Ħalliet ŭarajha tarbija ta' tliet snin. Alla jatiha il mistrieħ ta' dejjem.

★

D'al ġranet għa'x ŭieħed resak fuk Canoncu ta' San Paŭl u ma kalax il carità li talbu ried jaħbat għalih b'is-sicchina. Il ġuħ beda jaħchem seŭŭa u il Gvern hemm bżonn li jibda jara x'jagħmel.

★

Sajjetta fakkgħet ġo'l Cnisja ta'l Mellieħa f'il ħin li il Cappillan chien kiegħed ijkarben. Minn nies li chien hemm ħadd ma ġralu xejn iżda il bini ta'l Cnisja ħass seŭŭa.

# Aħbarijiet ta' Barra.

**Fi Franza** ix-xita li għamlet hi kaŭŭija ŭisk, u hemm xi bliet bħal ma hi Boulogne-sur-Mer, li nistgħu ingħidu li kiegħda tgħum fl-ilma.

**F'il port ta' Gibilta'** il vapur ingliż *Donegal* babat m'al vapur transatlanticu *Malaga* u lil dana ġratlu tant ħsara cbira, billi sfondra, li chellu jarġa l-ura u jidħol f'il port.

**Il Premju Nobel ta'l Fisica** inkasam bejn Marconi u il Professur Braun ta' Strasburgu; dac ta'l «Paci» inkasam ucoll bejn Beernaert ta'l Belġju u d'Estournelles De Constant, tranciż.

**Il famus Bleriot**, dac il franciż, li chellu il ħila bl-areoplan ijgħaddi minn Franza għal l-Inghilterra ŭaka f'Costantinopoli minn fuk l-areoplan u ċaġġa seŭŭa.

**Lord Asquith**, il cap ta'l-Liberali ingliżi, għamel taħdita kaŭŭija fl-Albert Hall li fiha fisser chif is-setgħa li għandha il Camra ta'l-Lordi li ma tħallix ijgħaddi il bilanċ ta'l flus li ivvotat il Camra ta'l Comuni hu attacc contra is-setgħa ta'l poplu, għaliex f'in-nefka ta' flus lil dana ma għandu jindaħallu ħadd; u fissrilhom ucoll li il Lordi ma jridux li jgħaddi dac il bilanċ għaliex sejjer joħlok taxxi li f'loc li jagħfsu fuk spallejn il fkir jagħfsu fuk l-artijiet u ir-renti cbar li għandhom il Lordi ta'l Inghilterra. Kal ucoll li ma jokgħodx qŭiet kabel ma in-nefka ta'l flus ma jcun jista jindaħal fiha ħadd ħlief il membri ta'l Camra ta'l Comuni li tirrappresenta il poplu. Dana id-discors intgħoġob ħafna u jifhmu li fl-elezzjonijiet li gejjin jerġgħu jitilgħu il Liberali. F'is-sala chien hemm biex jisimgħuh għaxar t-elef ruħ u applaŭduh ŭisk.

**Il vapur franciż Jean Martell** hu u sejjer Napli ħacmu baħar kaŭŭi ħafna li l-eŭŭel ħadlu it-tmun u imbagħad ħabbtu fuk l-iscolji t-Iscja. In-nies salvaŭ.

**F'il gasometru** li xpacca f'Amburgu bakgħu mejjtin ħamsa u għoxrin u xi tlietin feruti u il ħsara li saret f'il bini hi cbira ŭisk.

# Għa'n - Nisa.

**Meta tagħmlu xi darba** xi pastizz ta'l-laħam u jinħarkilcom f 'il ŭiċċ la ticconfondux. Oborxu il ħruk bi ftit grazzja u ŭara li tħabbtu abjad jeŭ tnejn ta'l bajd għadduh bih seŭŭa u erġgħu daħħluħ f 'il forn sa jiħmar u taraŭ chif meta iġgibuh fuk il mejda ħadd ma jinduna xi ġralcom.

**Fl-Aŭstrija** ħarget ligi li biha in-nisa jistgħu m'hux biss jidħlu fl-Università biex jagħmlu il cors ta'l Medicina iżda jistgħu ucoll jilħku Professuri jeŭ Assistenti.

**Jecc tcun imbuccajt** xi rieħ kaŭŭi u trid teħles minnu malajr għejn ruħec billi tiecoll frott imgħolli, ħut frisc u billi tixrob f 'il għodu u kabel l-ichel ilma sħun.

**Jecc ma tridux** li jiħmar imnieħircom u ŭiċċcom ma jintelix b'daŭc il ħafna ticchi suŭed la tilbsux velu.

**Il curuna li tilbes** f 'rasha ir-Regina Gulielmina ta'l Olanda tkum mija u għoxrin elf lira imħabba f 'il ħafna ħaġar prezzjus li fiha.

**Meta jcollcom xi ugiegħ** kaŭŭi fuk l-istoncu tagħhom jeŭ tcunu ħaddtu xi rieħ f'sidircom itŭu flanella f 'erbgħa, għaddsuha ġo'l misħun, agħsruha, itfgħu fukha cuċcarina spirtu ta't-termentina u kiegħduha fuk fejn hemm l-ugiegħ u taraŭ chif jerħilcom malajr. Jecc ijcollcom ugiegħ ta' ras ippruvaŭ tagħmlu l-istess ħaġa fuk il cozz ta' għonkcom.

**Meta timxu f'it-tajn** u jiċċapsulcom id-djul ta'd-dublett katt tfittxu li tneħħuh malajr għaliex jidħol actar il geŭŭa u jcun agħar. Ħalluh jinxef seŭŭa u farfruh bi xcupilja; jecc jibkgħu jidhru it-tbajja aħsluhom bi sponża imxarrba fi ftit spirtu u taraŭ chif ijmorru.

**Meta tgħaddu il ħarir** kejsu li dejjem tagħmlu carta strazza fuk il-libsa biex ma ixxaŭŭtuhiex.

**Għal nhar ta' gimgħa** ippruvaŭ dana il past u taraŭ chif toħorġu cuntenti. Għallu ir-ross f 'il ħalib sa jsir seŭŭa; ħalltu miegħu il-laħam ta'l ħut ġa imsajjar, żeŭġ bajdiet imħabbta tajjeb u mimli żeŭġ imgħaref butir. Żid ftit melħ u bżar u itfa collox ġo dixx ŭara li tcun dlictu tajjeb b'il butir. Roxx f 'il ŭiċċ ftit frac ta'l ħobż u itfa ftit bcejjeċ ta'l butir oħra u aħmi sa jiħmar seŭŭa.

Dan hu past m'hux biss tajjeb ħafna iżda sustanzjus ŭisk ucoll.

**Biex tcunu tafu** jecc bajda hix frisca jeŭ le agħmlu hecc: Imleŭ tazza bl'ilma u ħollu fiha ftit melħ seŭŭa. Itfgħu il bajda f 'it-tazza u jecc tcun frisca tibka mimduda f 'kiegħ it-tazza. Jecc ma tcunx frisca tibda tintrafa il fuk minn naħħa ċatta tagħha sa chemm tkum b'il ŭiekfa jecc ijcollha ma'x-xahar żmien.

**Jecc ijcolloc żarbun ijżakżak** u ma tridux, agħmel ftit żejt ir-rigmu seŭŭa fi platt u għaŭŭem fih il kiegħan għal ġurnata sħieħa u tara chif ma jibkax ijżakżak.

**Biex tnaddaf seŭŭa** l-isponoż u jibkgħulec rotob agħmel hecc: Ħoll ftit acidu tartaricu f 'il misħun u aħsilhom tajjeb fih; laħlaħhom ŭara tajjeb fl-ilma chiesaħ. Jecc ma tiddubbax acidu tartaricu agħmel f 'locu il kares ta'l-lumi.

Lucija Levanzin Inglott.

# TLAKKIT.

**L-ogħla muntanja** ta'd-dinja tlaħħak ħames mili u nofs u l-actar fond ta'l baħar li jafu bih hu ta' sitt mili.

**Il pajjis li għandu l'iżgħar armata** f'id-dinja għal cobor tiegħu huma l-Istati Uniti ta'l America billi għandom suldat ŭieħed biss għal cull għoxrin mil qŭadrat.

**F'Welzen, f'Luneberg**, hemm ligi li meta ir-ragel ma jidħolx id-dar sa'l ħdax ta' b'il-lejl jeħel nofs lira multa, li tinkasam ħames xelini lil martu li tmur tirrappurtah u ħames xelini lill Gvern.

**Fi Franża t-Isfel** hemm belt żgħira li jisimha Saint Marttin. Il membri ta'l municipju ta' din il belt huma collha ta' familja ŭaħda u collha jgibu il cunjom ta'Guigo.

**Scond il calclu** li għamel ŭieħed għaref franciż bniedem li jgħix ħamsin sena jcun rakad fihom xi sitt t-elef ġurnata, mexa xi tmien mija, ixxala xi erba t-elef; ħela fl-ichel xi elf u ħames mija, marad fihom għal xi ħames mija, chiel fihom xi sbatax il elf libbra ħobż, xi sittax il elf libbra laħam, xi ħames t-elef libbra bejn ħaxix, bajd, ħut u xi ħŭejjeġ oħra u xorob fihom ma dŭar is-seba t-elef gallun, bejn ilma, imbit, birra jeŭ xorb ieħor.

**F'Lisbona, belt capitali ta'l Portugall**, ma ilux mietet certa Susanna O'Hagan li chienet ilha seftura ma' familja ŭaħda għal sebgħa u disgħin sena u li bakgħet tħit bla nuċċali sa'l aħħar.

**F'il** « *British Medical Journal* » krajna li fl-America, fl-aħħar tliet snin, b'il-logħob ta'l *foot-ball* bakgħu mejjtin mija u tliettax il ŭieħed u bakgħu immancati elf, tliet mija, sebgħa u sebgħin.

**L-acbar tank ta'l gass** li haŭn f 'id-dinja hu actarx dac li hemm f 'il Broadford Road Gasworks ta' Manchester. Dana jasa ma'l għaxar miljuni piedi cubi ta' gass, u l-azzar li hu magħmul minnu jiżen tliet t-elef u ħames mitt tunellata; il ħadid li jitla u jinżel miegħu hu għoli 168 piedi.

**Meta jaħrab xi żiemel** katt la tilkgħuh minn kuddiem jeŭ m'il genb, iżda ibka iġri ŭarajh sa takbad ir-riedni u b'hecc tcun tista b'il ftit il ftit, iżommu.

**L-acbar tank** ta'l ilma (*reservoir*) li haŭn f 'id-dinja hu dac li hemm f 'Honor Oak, ftit bogħod minn Londra, biex jatiha meta jcun hemm bżonn l-ilma. Dana jasa sitta u ħamsin u nofs miljun galluni ilma; dan hu imgħotti u jgħatti ŭieħed u għoxrin *acre* art.

**L-actar pajjis li fih jinħela faħam** hu l-Inghilterra billi fih jinħela id-doppju ta' pajjisi oħra.

**L-Iljunfant jaħdem** minn mindu jcollu tnax il sena sa jlaħħak tmienin u jġorr tliet tunullati bħalli chiecu xejn.

**Xi dakkiet** meta sajjetta taħbat fuk siġra tagħmilha lakx li jtir f 'il bogħod. Tafu il għala? Għaliex is-sajjetta b'issħana tagħha tbiddel malajr l-ilma li jcun fiha is-siġra fi fŭar u dana jtertak iz-zcuc f 'elf biċċa billi ma jsibx ŭisa b'iż-żejjed fejn jokgħod.

**F'iż-żraben** barra minn Malta, miexi użu ġdid li meta jitkatta il kiegħ jeŭ it-taccun ŭieħed jista jixtrihom m'il ħanut u jŭaħħalhom hu bla tbatija ta' xejn.

għaxja fi ħdan il Cavalier meta serakha, u għaddeŭ ucoll Ambroġ u sħabu biex marru f 'San Paŭl-ta't-Tarġa sabuha u ħatfuha m'id-dŭiefer ħorox tiegħu. Il ħsieb li Ambroġ chien għadu jfittxu gegħlu jħarrec riġlejh u l-actar billi chellu mitt sena sa jarġa jigi fejn Carmena ħalli ma jħallihiex ŭieħida ma' Fatma billi baża li sata jintebaħ xi ħadd li tinsab hemm moħbija sidtu u jinkala xi saram.

Biex ma jifredx il Mosta baka għaddejj m'ax-xakliba ta'l Ŭied, minn ħdejn il cnisja ta'l Isperanza, cnisja oħra għażiża u kadima ŭisk u li jgħidu li l-eŭŭel darba li chienet mibnija fuk dac il għar giet icconsagrata minn seba iskfijiet li chienu niżlu f 'Malta billi il bastiment li chienu fuku chien mar fl-art u tchisser f daŭc l-inħaŭi.* Dina chienet tonda u żgħira. Dic li hemm illum imbniet imħabba f 'dina il ġrajja li sejjer insemmi li jgħarrafna biha il Cav: Ferris ** u li għadhom ijsemmuha xi Mostin xjuh ucoll:—

Darba in-naħħa ta'l Benŭarrat chien hemm bidŭi kiegħed jaħdem f 'ir-raba b'martu u b'uliedu, fosthom xbejba. F'dakka ŭaħda raŭ gejjin għal fukhom xi Toroc biex jakbduhom u jġorruhom irsiera. Il bidŭi u niesu tbellħu b'il biża u telku jiġru b'chemm chellhom ħila, katta bla ħabel, lejn il Mosta. It-Toroc gibdu għal ŭarajhom bla ma katgħu xejn kalbhom. Iġri u gib min jiġri, jilħegu u b'nifshom maktugħ, il bidŭi u l-oħrajn ŭaslu il Mosta iżda ix-xebba, billi ma felħetx tiġri dakshom bakgħet l-ura. It-Toroc għamlu għaliha għaliex hi chienet l-aħjar priża u lebbtu chemm felħu għal ŭarajha. Iżda f 'dakka ŭaħda Alla ma għamilha: għiebet u għad li it-Toroc fittxeŭha chemm felħu ma sabuhiex u billi stenneŭ li, imħabba f 'il għagħa li kajjmu il bidŭi u uliedu, il Mostin chienu sejjrin joħorġu jaħbtu għalihom u jieħdu lilhom irsiera, reġgħu daŭŭru denbhom l-ura infoscati f 'demmhom għaliex tilfu dic ix-xbejba maltija minn taħt idejhom

Tafu xejn fejn staħbiet? F'il għar li chien hemm taħt il cnisja il kadima u li chien micsi b'it-torsin-il-bir u għalhecc it-Toroc ma intebħux biha. Chif chienet imbeżżgħa gozz t 'rocna ta' dac il għar, tistenna minn ŭakt għal ieħor li taka taħt idejn l-egħdeŭŭa ta's-Salib, għamlet ŭiegħda li jecc teħlisha b'ŭiċċ il gid tibni m'il ġdid dic il cnisja b'it-talb u hecc għamlet, u tellgħet il ġdida fuk il kadima li chien hemm kabel. ***

Ħamid raġa mìl ircopptu u sallab ġbinu kuddiem din il cnisja u gibed lejn it-Torri Cumbu f 'ejn it-Toroc darba telgħu u serku is-sabiħa għarusa ta'l Mosta lejliet it-tieġ tagħha. U dana ġara fl-1526 meta chien Ħachem Pietru Falzun, karib Carmena, u ġurati Nicol Sagona, Toni Cassar u Pietru De-Brancato, billi il cursar Rajjes Sinan resak il Benŭarrat b'erba xŭieni, niżżel in-nies tiegħu, tellagħhom cuti, cuti minn ġo Ŭied il Għasel u ħabat għal Mostin għal għarrieda u barra milli ħalla mejjta ġarr miegħu f 'il jasar ma'l erba mija.

Meta Ħamid ra li ħeles m'il Mosta u ma iltaka ma' l-ebda saram imgħaŭŭeġ kabad it-triek ta'l Imdina u ħadha actar b'in-nifs billi it-triek ħażina u stramana li chien għadda minnha chienet bdiet taktagħlu u tħaddillu riġlejh.

* *Dana jgħidulna Monsinjur Duzina f'il Vista li chien għamel fl-1575.*

** *Descrizione delle Chiese di Malta e Gozo.*

*** **Abela u Ciantar.**

*(Jissocta.)*

**Naviża lil daŭc l-imsieħbin collha li bakgħu l-ura f'il ħlas għad li bgħatna ir-ragel bl-ircevuta chemm il darba li jecc ma jħallsunix sa'l aħħar ta's-sena nagħmillhom l-ispejjes SGUR.**

A. Levanzin p.l.

## BONI TA'L CONGO 1888.

B'il premju u l-imgħax ħamsa f'il mija; li jistgħu jittieħdu b'il ħlas ta' tant f 'ix-xahar. Il premji jitilgħu sitt darbiet f 'is-sena:— fi Frar, f 'April, f 'Ġunju, f 'Aŭŭissu, f 'Ottubru u f 'Dicembru, u fl-istess ħin, sa chemm jitla in-numru tagħcom tibkgħu tieħdu dejjem il ħamsa f 'il mija imgħax. Il premji il cbar huma sitt elef, erba t'elef, elfejn u tmien mitt lira barra minn 138 iżgħar u 4,000 rimborsi.

Daŭna il boni huma sbiħ ħafna għaliex jecc ma tirbaħx premji il capital żgħir li toħroġ jibka jiżdied bl-imgħax u b'hecc tcun kiegħed tagħmel l-aħjar negozju.

Min ijrid jaf xi ħaġa iżjed ijmur fi Strada Forni, 87 il Belt.

Min għandu xi **bolli użati** u l-actar ta' Malta biex ijbiegħhom jmur għand Barthelemy Pisani, il Belt, Strada Levante No. 150.

**It-Tabib Carlu Ferrari** ħalla certificat li fih kal li hu icura lil Vincenzu Ferrari li chien ilu għoxrin sena marid b'id-diabete u li għad li ipprova il medicini l-oħra collha katt ma sata jfiek. Fl-aħħar irraccomandalu il

## FERMENTIN

u ŭara li użah għal xi żmien fiek għal collox bla dannu ta' xejn. Dina il prova ma hix jakaŭ b'iż-żejjed għalicom biex tibdgħu tużaŭ dina il medicina?

Il Chirurgu-Dentista Alfonsu Urso resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f 'il Pjazza ta' Raħal Ġdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

Min hu marid bl-Anemija (nakar ta'd-demm) u jrid ijfiek f'għoxrin ġurnata jieħu

**L' ELIXIR**

## TA' S. VINCENS DE PAOLI



Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

**267, STRADA REALE.**

## GHA'N = NERVUSI!

Meta tħossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktugħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd joboghdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja u tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn ijcolloc dic il marda li jsejjħulha

**NEVRASTENIJA**

u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ li tagħmillec ħafna gid hi

## L=ANTINEVROTICU

TA'L

**Prof: DE GIOVANNI**

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il aħjar tobba ta'l Italja. Timbiegħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGHMEL BISS.

Min ijrid ijdaħħal il gas jixtri calamiti jeŭ kniepen elettrici u ijrid min ijŭaħħalhomlu jeŭ ijseŭŭihomlu seŭŭa u bi prezzijiet ħelŭin ijmur għand **Enricu Calleja**, 43 Sda. Sta. Lucia, il Belt.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?
Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbigħu f'il ħŭienet principali.
F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

**Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlakha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kieghdin l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa jumejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu f'idejc; u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand**

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

## STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

**fejn ijsib ucoll ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u fajjenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.**

# Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI
TAD-DEHEB
GHAL
KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

**JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL**

GHAND L'AGENTI F'MALTA




## C. CAMILLERI & SONS




## 50 STR. MERCANTI IL BELT

CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.